QALA

Ref Nru: 3

Il-minuti tat-tielet laqgha tas-sitt leglislatura tal-Kunsill Lokali Qala, li nzammet nhar il-Gimgha 18 ta' Mejju 2012, fil-5:00 ta' fil-ghaxija, fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill.

Prezenti:

| | |
|---|---|
| Sindku: | Clint Camilleri |
| Vici Sindku: | Paul Buttigieg |
| Kunsillieri: | Paul Buttigieg<br>Victor Grech<br>Jesmond Borg |
| Segretarja Ezekuttiva: | Marcia Borg |

**1 Talba**

1.1 Il-laqgha nbdiet permezz ta' talba u giet preseduta mis-Sindku.

**2 Approvazzjoni tal-minuti tat-tieni laqgha.**

2.1 Peress li l-minuti tat-tieni laqgha tqassmu qabel, dawn gew ikkonsiderati bhala moqrija u gew approvati unanimament.

**3 *European Agriculture Funds for Rural Development* – mizura 313.**

3.1 Is-Sindku semma li giet mibghuta ittra mill-Kunsill lill-*Head* tal-*Paying Agency* fl-MRRA Joseph Caruana fejn gie mitlub sabiex xi fondi mill-progett propost fil-mizura 313 jigu trasferti ghat-tisbih ta' Pjazza San Guzepp li jinkludi pavimentar. Il-Kunsill ircieva ittra minghand is-Sur Caruana fejn gie nformat li din it-talba giet milquha. Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lill-Arcipriet tal-lokalita` dwar dan il-progett. Is-Sindku semma li huwa kellu laqgha ma l-Arcipriet fejn huwa nformah li kellhom laqgha tal-Parrocca u li huma qablu ma dan il-propost progett. L-Arcipriet talab l-approvazzjoni ta' l-Isqof t'Ghawdex u qieghed jistenna risposta minghandu. Il-Kunsill iddiskuta li jrid isir xi tip ta' ftehim bejn il-Kunsill Lokali u l-Knisja fejn fih jigi mnizzel li huwa importanti li wara li jsir dan il-progett, il-Pjazza tibqa tintuza mill-pubbliku, mill-Kunsill ghall-attivitajiet li jigu organizzati kif ukoll minn kull minn jixtieq jaghmel xi attivita` kulturali. Il-Kunsillier Paul Buttigieg staqsa jekk il-*ground* tal-futbal hux xorta ser jitwessa peress li hemm xi flus ta' l-MFA biex jirrangaw

il-*ground* u biex dawn il-flus jinghataw jrid jigi imwessa dan l-istess *ground*. Is-Sindku semma li l-*ground* xorta ser jitwessa peress li mhux il-fondi kollha gew trasferti ghall-progett tal-Pjazza.

## 4 Programm ghal Jum il-Qala 2012.

4.1 Is-Sindku ta spejgazzjoni tal-programm ghal Jum il-Qala 2012 li jikkonsisti f'li gej:

4.2
- Quddiesa ta' ringrazzjament is-Sibt 2 jew 9 ta' Gunju 2012.
- Laqgha ma l-istudenti ta' l-Iskola Primarja Qala u wara titqassam borza bil-frott, ilma ecc, lit-tfal kollha, data tithabbar aktar tard.
- Harga ghal Malta t-Tlieta 5 ta' Gunju 2012.
- Laqgha mar-residenti barranin il-Hamis 7 ta' Gunju 2012.
- Laqgha tal-Lokalita` ghar-residenti Qalin nhar il-Gimgha 8 ta' Gunju 2012.
- *Treasure Hunt* ghat-tfal, id-data tithabbar aktar tard.
- Hondoq *by night* ghaz-zghazagh, data tithabbar aktar tard.

4.3 Il-Kunsillier Victor Grech semma li saritlu talba sabiex tinghata xi tip ta' ghajnuna lill-Iskola Primarja Qala. Gie diskuss illi ghandha tigi kkuntatjatha l-*Headmistress* ta' l-iskola dwar x'tip ta' ghajnuna ghandhom bzonn.

4.4 Il-Vici Sindku Paul Buttigieg ippropona li nhar il-Hadd 10 ta' Gunju 2012 ghandha jsir *motor show.*

## 5 Xogholijiet ta' restawr tal-fortizza ta' Sant Antnin.

5.1 Is-Sindku semma li huwa kellu laqgha ma' Din l-Art Helwa dwar ix-xogholijiet ta' restawr tal-foritzza ta' Sant Antnin. Gie diskuss li x-xoghol li baqa` huwa t-tikhil ta' din il-fortizza. Il-Kunsillier Paul Buttigieg semma li huwa kien ghamel talba lill-MEPA dwar jekk il-Kunsill jistax japplika sabiex jinghata fondi mill-*Urban Improvement Fund* sabiex ikun jista` jsir dan ix-xoghol. Il-Kunsill iddecida li ghandu jara jistax jissottometti applikazzjoni.

## 6 Stima dwar *photographer* ghall-Kunsill.

6.1 Dwar l-istimi ta' *photographer* ghall-Kunsill li gew diskussi fl-ahhar laqgha, gie deciz li ghandha tigi maghzula l-istima ta' Frankie Ion Magro li joqghod 7, Triq il-Papa Piju XII, Qala.

## 7 Materji ohra.

7.1 Il-Vici Sindku ppropona li ghandha jsir *talk* fuq il-pjanti u s-sigar minn Dione Caruana.

QALA

7.2 Il-Kunsillier Jesmond Borg ippropona li ghandha tigi rrangatha t-triq t'Ghajn Hagar bit-torba.

7.3 Il-Kunsillier Victor Grech ippropona li ghandu jibqa jsir il-hlas fuq il-*loan* li l-Kunsill ghandu dwar il-bini tac-Centru Civiku fejn bhala *security* hemm ir-residenza tal-Kunsillier Paul Buttigieg; li dakinhar meta saret il-*loan* huwa kien jokkupa l-kariga ta' Sindku, il-Kunsill qabel li ghandu jibqa jsir il-hlas kif kien issoltu qieghed isir.

7.4 Il-Kunsillier Paul Buttigieg semma li m'ghandiex tiddahhal il-politika fl-attivitajiet li jigu organizzati mill-Kunsill, dan peress li l-ahhar harga li saret huwa semma xi ghajdut dwar dan u li dan qatt ma kien isir. Is-Sindku semma li jekk gara hekk, din ma kienitx l-intenzjoni tal-Kunsill.

7.5 Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lic-*Chairman* ta' l-Awtorita` tat-Turizmu ta' Malta, dwar talba ghal ghajnuna finanzjarja jew xi tip ta' ghajnuna ohra ghal bajja ta' Hondoq ir-Rummien.

7.6 Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lill-Onorevoli Ministru ghal Ghawdex Giovanna Debono, sabiex jitkomplew ix-xogholijiet mill-Ministeru skond il-ftehim fejn jinghata t-tarmak kif ukoll isiru l-bankini fi Triq Kappillan Dun Guzepp Vella.

7.7 Gie trattat l-*Annual Report* u l-*Financial Statements* ghas-sena finanzjarja Jannar – Dicembru 2011 li gew ippreparati mill-Kunsill; l-ewwel u t-tieni verzjoni. Il-Kunsill unanimament approva l-*Annual Report* u l-*Financial Statements.*

7.8 Is-Segretarja Ezekuttiva qrat l-ilmenti li dahlu fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill mit-21 t' April 2012 sat-18 ta' Mejju 2012 minn referenza numru 60/12 sa referenza numru 79/12.

7.9 Is-Segretarja Ezekuttiva qrat l-iskeda tal-hlasijiet bir-referenza SP 03/2012. Il-Kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni ghall-kontijiet mnizzlin f'din l-iskeda. Ghalhekk din l-iskeda giet approvata unanimament.

## 8 Korrispondenza.

8.1 Gew trattati l-korrispondenza li gejja:

8.2 Ittra mibghuta minn Rene` Attard *Senior Planning Officer* fil-MEPA, dwar skedar ta' proprjeta` fejn gew skedati l-Mithna ta' Randu u l-Mithna ta' Sufa.

8.3 Cirkulari AKL Cirk 16/2012 mibghuta mill-President Michael Cohen u mis-Segretarju Ezekuttiv Jimmy Magro mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn il-Kunsilli gew mitluba sabiex jaghmlu ghazla dwar is-sistema li jixtiequ juzaw dwar l-asphaltar tal-kanali meta jsir xoghol mill-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma. Il-Kunsill ghazel *option B.*

QALA

8.4 Dokument ta' Ftehim li sar bejn il-Kunsill u l-MEPA dwar l-*Urban Improvement Fund* ghal-xogholijiet ta' *playcentre* fi 'Gnien il-Familja', fi Triq l-Imgarr, Qala.

Il-laqgha ntemmet fis-7:30 ta' filghaxija. Laqgha ohra giet stabbilita ghal nhar il-Gimgha 15 ta' Gunju 2012.

______________________
Clint Camilleri
Sindku

______________________
Marcia Borg
Segretarja Ezekuttiva